Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,324, 6 ta' Diċembru, 2002
Taqsima B

A.L. 375 ta' l-2002

ATT TA' L-2002 LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR IL-PULIZIJA TA' MALTA (ATT NRU. XIII TA' L-2002)

Data ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1(2) ta' l-Att ta' l-2002 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent stabbilixxa d-dati li ġejjin bħala d-dati meta d-disposizzjonijiet li ġejjin ta' l-imsemmi Att għandhom jibdew iseħħu kif ġej:-

(a) l-1 ta' Jannar, 2003, dwar -

(i) l-artikoli 1 sa 3 ta' l-Att;

(ii) l-artikolu 4 ta' l-Att, ħlief għad-disposizzjonijiet tat-Titolu V tat-Taqsima II, artikoli 48 sa 60 li hemm fit-Titolu;

(iii) l-artikoli 5 sa 8 ta' l-Att;

(iv) il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att; u

(v) l-artikolu 13 ta' l-Att; u

(b) l-1 ta' Marzu, 2003, għar-rigward ta' l-artikolu 4 ta' l-Att, dwar id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 sa 60 fit-Titolu V tat-Taqsima II.